- *tiġdid ta' permess ta' residenza –*
- *Identita` Malta mhix leġittimu kontradittur*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 30 ta' Lulju, 2020.

## Rikors Nru. 333/2019 GM

**Ikil Mahmoud, detentur tan-numru ta' permess ta' residenza 103103A u tal-passaport Sirjan b'numru 004095132**

**vs**

**Direttur tal-Aġenzija Identity Malta**

**Segretarju Parlamentari Onor. Julia Farrugia Portelli MP**

**Prim Ministru ta' Malta, Onor Dr Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li espona illi:-

a. Huwa jgawdi minn protezzjoni sussidjarja skond in-numru mogħti lilu mill-Kummissarju tar-Refuġjati ċioe 12309 valida sat 22 ta' Marzu 2021. Ilu jgawdi tali protezzjoni sa mis-sena 2013. Minn dakinhar il-quddiem qatt ma kellu aktar problemi mal-Awtoritajiet Maltin.

b. Qatt ma xellef difrejh mal-ġustizzja ħlied meta daħal Malta fis-sena 2013. Ikil Mahmoud tressaq il-Qorti fis-sena 2013 u weħel piena pero tajjeb li wieħed jippreċiża li l-istess mittenti ma kellu l-ebda triq oħra ħlief dik li jikser il-liġi u jaħrab minn art twelidu sabiex jissalvagwardja ħajtu mil-attroċitajiet li kienu u għandhom iseħħu ġewwa s-Sirja. Fil-fatt applika għall-ażil hawn Malta u ngħata protezzjoni. Kull persuna ta' nazzjonalita' ta' pajjiż terz li daħlet Malta b'mod li nkisru l-Liġijiet ta' Malta, l-awtoritajiet Maltin għamlu xogħlhom u ħadu l-passi neċessarji li kellhom jittieħdu fil-prima stanza. Dawn id-diversi persuni ingħataw piena, applikaw għall-ażil, u wara li ngħataw protezzjoni nħarġilhom ukoll il-permess ta' residenza. Ikil Mahmoud ukoll kien wieħed minn dawn l-ixxurtjati li sab pajjiż bħal Malta, laqgħu fi ħdanu u tah protezzjoni sussidjarja. L-istess mittenti kien ukoll ixxurtjat li sa mis-sens 2013 wara li kien ingħata protezzjoni inħariġlu wkoll il-permess ta' residenza Maltija kif ukoll Passaprt Aljen Malti fis-sena 2015. Dan l-istess peess baqa jiġġedded kull tliet snin skond it-tiġdid tal-protezzjoni sussidjarja, mingħajr ebda problemi sussegwentement sas-sena 2018. Iżda għal xi raġuni mhix magħrufa meta l-istess mittenti ipprova jġedded il-permess ta' residenza fis-sena 2018 sab resistenza mid-Dipartiment/Aġenzija ta' Identity Malta Dok 3.

c. Applika sabiex iġedded il-permess ta' residenza u jirrisjedi f'Malta hekk kif tippermettielu l-liġi sa mit-22 ta' Marzu 2018. L-impjegati ta' Identity Malta qegħdin kontinwament iġeddulu kull xahar il-*blu paper* jew aħjar *l-Interim receipt.* L-istess mittenti saqsa lil Impjegati ta' identity Malta għaliex kien qed iseħħ dan id-dewmien kollu u r-risposta tal-impjegati tal-istess dipartiment qalulu li waqqfuhielu mil-Pulizija.

d. Tant integra fis-soċjeta' Maltija li tgħallem jitkellem bil-malti kif wkoll ħadem u stinka bħala kaħħal/bajjad matul dawn is-snin u rnexxielu jfaddal ammont sostanzjali ta' flus. Ilum il-ġurnata jinsab f'posizzjoni li jinvesti f'residenza hawn Malta u ma jibqax ibati l-ħlas tal-kera li fniet ħafna familji, li aktar kemm jgħaddi ż-żmien aktar tiskala.

e. Għandu konvenju fis-seħħ fejn diġa iddepożita somma ta' 10,000 euro fuq konvenju li sar quddiem in-Nutar Dr Josef Masini Ventu datat 17 ta' Diċembru 2018, sabiex jinbeda l-proċess tal-akkwist tal-proprjeta bl-indirizz Nru 12 Blk 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi, iżda minħabba d-dewmien abbiżiv u llegali min naħa tad-Dipartiment /Aġenzija ta' Identity Malta jista' jitlifhom. Aktar min hemm qed ibati finazjarjament għax sakemm isir dan il-kuntratt għadu jħallas il-kera ta' 460euro fix-xahar. Dok 4/5.

f. Qiegħed f'posizzjoni prekarja u preżentement, jinsab għaddej minn diversi tbatijiet fosthom il-fatt li ma jistax jiftaħ l-ebda kont bankarju. B'konsegwenza ta' dan kollu qed isib diffikultajiet fejn jinvesti flusu b'mod regolari u preżentement qed jitlef l-imgħaxijiet.

g. Qiegħed jiġi mċaħħad mill-liberta' tal-moviment li jgawdi minnha kull ċittadin Ewropew, kull persuna li għandha permess ta' residenza maltija, kif ukoll dawk kollha li huma benifikanti minn kull tip ta' protezzjoni mogħtija lilhom mill-Kummissarju tar-Refuġjati u qed iħossu priġunier f'Malta.

h. Fil-21 ta' Jannar 2019 intbagħtet ittra legali lid-Direttur Identity Malta sabiex ninfurmawhom dwar din l-anomalija fejn ġew mitluba joħorġulu l-permess ta' residenza skond il-liġi, liema ittra ġiet injorata totalment u sal lum, ma rċevejna l-bda risposta. Wara din l-ittra peress li ġiet injorata, ġiet intavolata ittra uffiċjali sabiex tiġi indirizzata din l-anomalija u jinħareġ/jiġġedded il-permess ta' residenza f'isem ir-rikorrenti ċioe' Ikil Mahmoud li jġib in-numru 103103A li preżentement igawdi minn protezzjoni sussidjarja. B'din l-ittra uffiċjali ġew notifikati id-Direttur tal-Aġenzija/Dipartiment ta' Identity Malta u l-Hon Julia Farrugia MP Segretarju Parlamentari fi ħdanha jaqa' dan id-dekasteru nhar is-7 ta' Frar 2019, kif ukoll l-Avukat Ġenerali ġie notifikat nhar it-28 ta' Frar 2019. Għal din l-ittra uffiċjali, ħadd min l-intimati ma rrisponda biex jagħti ġustifikazzjoni biex jagħti ġutifikazzjoni għal dan in-nuqqas serju li qiegħed iseħħ.

i. B'dawn l-atti immorali, abbużivi u bla ebda ġustifikazzjoni fi-fatt u fid-dritt ormai qiegħed iħossu serjament ippreġudikat, aggravat u psikoloġikament imkisser. Għalhekk, ma kellux triq oħra ħlief li jiftaħ il-proċeduri odjerni.

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom, qegħdin b'mod abbużiv u llegali jiksru id-drittijiet ċivili ta' Ikil Mohmoud, detentur tal-permess tar-residenza numru 103103A u qegħdin allura jikkaġunawlu ħsara

b'mod irreparabbli stante illi għadhom sa llum ma tawhx b'mod effettiv il-permess ta' residenza mistħoqqa lilu mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' fatt jew ta' dritt.

2. Tiddikjara u tikonferma illi l-intimati jew min minnhom fin-nuqqas tat-tiġdid/ħruġ tal-permess tar-residenza b'numru 103103A f'isem Ikil Mahmoud, qegħdin iċċaħduh minmn kull opportunita mili jista jiftaħ kwalunwe tip ta' kont bankarju u qegħdin itellfuh mill-opportunitajiet ta' qliegħ mill-imgħaxijiet minn diversi istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu tali servizz, kif ukoll qegħdin iċaħħduh mid-dritt illi jġedded il-passaport Aljen Malti, u allura b'konsegwenza ta' dan ukoll, qegħdin iċaħħduh mid-dritt sagrosant tal-liberta' tal-moviment li minnha jgawdu partijiet terzi li jinsabu fl-istess sitwazzjoni.

3. Tiddikjara u tikkonferma ulterjorment illi l-intimati jew min minnhom minħabba l-aġir tagħhom qegħdin iċaħħdu lil ikil Mahmoud milli jkoll l-possibilita' li jakkwista proprjeta hawn Malta li ġġib l-indirizz nru 12 Blk 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi b'konvenju li diġa sar quddiem in-Nutar Dr Josef Masini Vento datat 17 ta' Diċembru 2018 illi fuq tali konvenju diġsa tħallset is-somma ta' 10000ewro.

4. Tordna b'mod sussegwenti illi l-intimati jew min minnhom għandhom b'mod effettiv jersqu sabiex joħorġu/ iġeddu il-permess ta' residenza b'numru 103103A f'isem Ikil Mahmoud b'mo imminenti, fi żmien qasir u perentorju li din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi.
5. Tillikwida d-danni kollha soffeti minħabba dan in-nuqqas kollu li iqgħed iseħħ, jekk hemm bżonn anki bl-opra ta' periti nominandi għal dan l-iskop u

sussegwentement tordna lil intimate jew min minnhom jersqu għall-ħlas effettiv tal-kull ammont hekk likwidat a favor Ikil Mahmoud fi żmien qasir u perentroju skond ma din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi.

6. Tordna b'mod sussegwenti u ulterjuri sabiex l-intimati jew min minnhom, fin-nuqqas tat-tiġdid/ħruġ tal-permess tar-residenza b'numru 103103A f'isem Ikil Mahmoud fi żmien opportune għalih illi jkun jista' jakkwista l-proprjeta' li ġġib l-indirizz nru 12 blk 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi b'konvenju li diġa sar quddiem in-Nutar Dr Josef Masini Vento datat 17 ta' Diċembru 2018, illi jħallsu danni rappreżentanti t-telf effettiv illi Ikil Mahmoud ser isofri minħabba t-telf tiegħu fis-somma ta' 10000ewro li diġa tħallset mill-istess f'konvenju li kien u għadu jista' jwassal għall-akkwist tal-proprjeta' hawn surreferita, u kif ukoll, iħallsu lir-rikorrenti ċioe' Ikil Mahmoud il-kirjiet kollha illi Ikil Mahmoud kellu jħallas u jsofri inġutament mill-mument tal-iffirmar ta' dan il-konvenju sakemm jinħareġ effettivament tali permess ta' residenza permezz tal-ordnijiet ta' din il-Wisq Onorabbli Qorti.

7. Tillikwida d-danni morali kollha sofferti minħabba in-nuqqas kollu li qiegħed iseħħ stante illi Ikil Mahmoud qiegħed jiġi pprivat kompletament mid-dritt sagrosant tal-Liberta tal-Moviment, dan sakemm l-istess intimati jew minn minnhom joħorġu b'mod effettiv il-permess tar-residenza b'numru 103103A f'isem Ikil Mahmoud, u sussegwentement, jiġu ordnati sabiex jersqu u jħallsu tali danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju skond ma din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi;

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-konvenuti eċċepew illi:-

1. Mhumiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet vantati mill-atturi u dan *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-12 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll *ai termini* tal-atikolu 2 tal-Liġi Sussidjarja 217.17 stante li deċiżjonijiet rigwardanti permess ta' residenza ma jittieħdux mill-konvenuti iżda mid-direttur tad-dipartiment taċ-ċittadinanza u l-expatriate affairs li għandu l-funzjoni li joħroġ u jirrevoka permessi ta' residenza.

2. Ir-rikors promotur huwa neboluż stante illi l-attur jagħmel diversi allegazzjonijiet mingħajr ebda bażi legali. L-konvenuti jżommu ferm id-dritt tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri ġialadarba jiġi kjarat mill-attur dak illi qed jiġi allegat.

3. *Ai termini* tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attriċi qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati.

4. L-attur li huwa ċittadin ta' pajjiż terz ma jgawdi minn ebda dritt sagrosant ili jiġi mġedded il-permess ta' residenza kif qiegħed jallega l-attur. L-Awtoritajiet jżommu ferm id-dritt illi jġeddu tali permess ai termini tal-Liġi viġenti.

5. L-attur huwa ċittadin ta' pajjiż terz u ma jgawdi minn ebda dritt sagrosant ta' movement kif qed jallega.

6. Il-konvenuti m'humiex qed iċaħħdu l-ebda intrijot finanzjarju u/jew l-possibilita' li tiġi akkwistata proprjeta`. Dan huma spekulazzjonijiet infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi b'żieda ma dan kwalunkwe negozju jew xiri tal-atturm'għandhomx jwieġbu għalihom l-konvenuti stante illi permess ta' residenza dejjem jista' jiġi rivedut u dan l-attur dejjem kien a konoxxenza tiegħu.

7. It-tġdid u/jew ħruġ tal-permess ta' residenza hija prerogattiva tal-awtoritajiet u hemm mekkaniżmu fejn deċiżjoni tal-awtorita' tiġi riveduta ai termini tal-artikolu 25A tal-kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-talba sabiex jiġġedded/joħroġ permess ta' residenza tal-attur hija legalment improponibbli u m'għandhiex tiġi akkolta.

8. Il-konvenuti ma kkawżaw l-ebda danni lill-attur, la effettivi u l-anqas danni morali;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

***Fatti:***

L-attur applika għal permess ta' residenza u ngħata riċevuta datata 22.03.2018 (fol 18 u 19 esibita fotokopja mhux awtentikata), maħruġa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, li permezz tagħha ngħata awtorizzazzjoni *interim*

biex jirrisjedi f'Malta sakemm l-applikazzjoni tiegħu tiġi pproċessata valida sa 22.06.2018. Ir-riċevuta hija ffirmata minn Margaret Sciberras, għad-direttur ("f/director"). Imbagħad fuq l-istess riċevuta hemm indikati d-dati suċċessivi ta' meta jiskadi l-permess u ċjoe` 22.07.2018, 22.08.2018, 22.09.2018, 22.11.18, 22.12.18 u 22.01.19, 22.02.19 u 22.03.19 billi dan ġie mġedded għadd ta' drabi.

Il-konvenuti permezz ta' paragrafu 7 tar-Risposta Guramentata tagħhom, jirrilevaw illi t-tiġdid u/jew ħruġ ta' permess ta' residenza jittieħed *ai termini* tal-Art. 25A tal-Kap 217. (fol 34). Bis-saħħa tal-Art. 26(1) tal-istess Att, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern awtorizza lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates "biex jeżerċita f'ismu, b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2006, is-setgħat biex joħroġ permessi għal residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi … bl-iskop biex joqgħodu Malta skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru tat-13 ta' Ġunju 2002" (maħruġa fit-3 ta' Novembru 2006 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10.10.2006 – esibita a fol 39).

Permezz ta' Avviż Legali 269 tal-2013 (L.S.595.07), b'Ordni maħruġa fl-10 ta' Settembru 2013, in forza tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, ġiet imwaqqfa L-Aġenzija Identita` Malta, magħrufa wkoll bħala Identita` Malta, "li għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-materji li ġejjin:

(a) Ċittadinanza, viżi, permessi ta' residenza… (fol 62)

Dr. Neil Harrison, Chief Officer ta' Identity Malta, prodott mill-konvenuti, stqarr li Aġenzija Identita` Malta m'għandhiex rwol dirett fil-ħruġ ta' permessi ta' residenza, billi dawn joħroġhom id-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates (fol 41), li huwa parti mill-aġenzija. L-Aġenzija hija mmexxija minn bord tad-diretturi li huma *non-executive*. Stqarr li Margaret Sciberras, li ffirmat l-irċevuta, hi impjegata fid-dipartiment tal-*expatriates*. Mistoqsi preżentement min hemm Direttur wieġeb li

bħalissa l-post vakanti billi l-persuna inkarikata rriżenjat. (fol 50). L-aħħar Direttur kienet Sarah Aquilina. L-ittri li jinfurmaw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi bir-revoka ta' permess ta' residenza jinħarġu minn Identity Malta. Joħorġu bil-firma tad-Direttur jew rappreżentant tiegħu (fol 51). Identity Malta m'għandhiex direttur imma CEO (fol 55).

Sarah Aquilina xehdet li kienet impjegata ma' Identity Malta bejn 27.01.2016 u 30.04.2019. Fit-22.10.2018 ġiet maħtura *Senior Manager, Expatriates*. Tgħid li kienet appuntata l-ewwel Acting Director, imbagħad Director "li msejjaħ illum il-ġurnata fl-aġenzija, Senior Manager";

***Kunsiderazzjonijiet:***

Illi l-liġi (Reg. 10 tal-L.S. 595.07) tgħid ċar u tond li "r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija"(Malta) "tvesti fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv". Għalhekk "id-Direttur tal-Aġenzija Identity Malta" imħarrek mill-attur ċertament mhux ir-rappreżentant legali tal-istess Aġenzija u bħala tali jrid jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti tista' tieqaf hawn. Imma anke jekk kellha tqis xorta waħda li ġiet imħarrka l-Aġenzija, xorta waħda din mhix leġittimu kontradittur. Dan billi permezz tal-Gazzetta tal-Gvern Nru 17,994 tal-10 ta' Novembru 2006 – fol 38 – il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern awtorizza lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates biex jeżerċita f'ismu, b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2006, is-setgħat biex joħroġ permessi għal residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi" u barra minn hekk, id-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni huwa l-awtorita` kompetenti sabiex jirċievi applikazzjonijiet u sabiex joħroġ permess uniku (L.S. 217.17);

Illi jirriżulta mid-dokument esibit a fol 18 li l-permess temporanju ta' residenza nħareġ fit-22 ta' Marzu 2018 minn Margaret Sciberras f'isem id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates u baqa' jiġġedded permezz ta' timbru fuq l-istess applikazzjoni mill-Customer Services Directorate u Residence Unit tal-Ministeru għal Għawdex, s'intendi f'isem l-istess Direttur billi kif inhuwa notorjament magħruf, il-Ministeru għal Għawdex jipprovdi servizzi lir-residenti ta' dik il-Gzira għan-nom ta' għadd ta' dipartimenti u aġenziji tal-Gvern li jinstabu f'Malta u dan għall-konvenjenza ta' dawk ir-residenti biex ma joqgħodux jinqalgħu u jmorru Malta sabiex jinqdew. Fi kwalunkwe każ, l-Aġenzija konvenuta ma tissemma' mkien fuq din l-Applikazzjoni;

Illi jirriżulta wkoll li l-permess iġġedded sat-22 ta' Marzu 2019 filwaqt li sat-30.04.2019 kien hemm Direttur Sandra Aquilina. Wara dik id-data, jidher li l-post ta' Direttur baqa' vakanti. Iżda d-data rilevanti għal din il-kawża hija t-22 ta' Marzu 2019. Minn imkien fl-atti ma jirriżulta li d-deċiżjoni biex ma jiġġeddidx il-permess ħareġ minn xi persuna li ma kinitx id-Direttur. L-attur ma tellax xhieda biex jixhdu dwar min attwalment irrifjuta t-tiġdid tal-permess u lanqas talab l-esibizzjoni ta' din id-deċiżjoni, li wieħed ma jippreżumix li ma ttiħditx bil-miktub u allura tifforma parti mill-atti uffiċċjali tal-Gvern ta' Malta. Kjarament ma nġibitx l-aħjar prova;

Illi l-attur lanqas ipprova li s-Segretarju Parlamentari Julia Farrugia Portelli jew il-Prim Ministru ħadu parti b'xi mod fid-deċiżjoni tar-rifjut tat-tiġdid tal-permess ta' residenza tal-attur, li b'liġi espressa mhix vestita fihom imma fl-imsemmi Direttur. Skont il-liġi (Art. 181B Kap 12), ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern hi – normalment – vestita "mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni". Dan il-liġi tagħmlu għall-fini ta' kjarezza u konvenjenza u sabiex ma joqgħodux jitħarrku ħafna persuni għalxejn in rappreżentanza tal-Gvern, tant li l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li ġaladarba l-kap ikkonċernat ikun ġie mħarrek, dan

ikun biżżejjed u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li jitħarrku wkoll konvenuti oħra; f'dak il-każ dan kien id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) u għalhekk il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxi, li kienu mħarrkin flimkien miegħu, ġew meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju;[1]

Bla dubbju, ħadd mill-konvenuti m'hu leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-attur;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti kollha u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż a kariku tal-attur.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] Castle Hill Limited v Prim Ministru 24.04.2015 Qorti Kostituzzjonali